**4 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt. LL.D.**

Angelo Ballabeni

*versus*

Emmanuel Sammut

**Inġurja.**

*Hu prinċipju mportanti, f'materia ta' nġurja, illi jekk persuna, għal raġunijiet tajba, tkun ġustifikata taħseb, raġjonevolment, u mhux infondatament, li ħadd ieħor ikkommetta reat għad-dannu tagħha, u timputalu dan ir-reat, allura ma tirrispondix ta' nġurja; basta li dan isir kemm jista' jkun privatament. Jekk jonqos ir-rekwiżit fondamentali li l-addebitu jkun sar raġjonevolment, u mhux "unwarrantably", allura dan il-prinċipju ma japplikax.*

*Hekk, min jaħseb li qiegħed jiġi misruq, għandu d-dritt kollu li jinvestiga, imma mhux ġustifikat jaddebita s-serq lil persuna oħra sempliċement għax bniedem skonoxxut mar qallu li dak in-nuqqas kien ġej da parti ta' dik il-persuna l-oħra; għax allura, l-unur tal-persuna jista' jiġi magħmul jiddependi mill-kliem inġustifikati u nkawti tat-terzi.*

*Jibqa' dejjem illi l-addebitu jkun sar b'dik il-prudenza li tixraq biex tiġi evitata kemm jista' jkun il-publiċità.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela magħmula mill-kwerelanti Angelo Ballabeni kontra l-kwerelat Emmanuel Sammut, talli dan l-aħħar, ġo Ħal-Balzan inġurja gravement lill-kwerelant;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Awissu 1961, li biha sabet lill-kwerelat ħati ta' nġurja gravi, u kkundannatu £2 multa, bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelant;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-kawża hi kommessa ma' prinċipju importanti fil-materja ta' nġurja;

Jekk persuna, għal raġunijiet tajba, tkun ġustifikata li taħseb, raġjonevolment, u mhux infondatament, li ħadd ieħor ikkommetta reat għad-dannu tagħha, u timputalu dak ir-reat, allura ma tirrispondix ta' nġurja; basta li dan isir "privatim" kemm jista' jkun (ara app. Kriminali "Mizzi vs. Camenzuli", 19 ta' Novembru 1927, Pres. Mercieca; "Micallef vs. Borg", 14 ta' Marzu 1931, Imħ. Prof. Edg. Ganado; "Farrugia vs. Zammit", 30 ta' Ottubru 1937, Imħ. sedenti, fejn il-kwistjoni ġiet studjata "funditus", u ġiet ċitata l-ġurisprudenza ngliża in materja; ara wkoll "Micallef vs. Azzopardi", 26 ta' April 1952, fejn ġiet ċitata b'approvazzjoni (Imħ. Montanaro Gauci) din is-sentenza tal-aħħar);

Issa, fil-każ preżenti, ma hux in kontestazzjoni li fil-fabbrika tal-kwerelat (Balzan Paste Factory) kienu qegħdin jinstabu ta' spiss xi defiċjenzi fli-stock tal-għaġin. Il-kwerelant, li hu taljan, hu mpjegat bħala tekniku u joqgħod f'appartament ġewwa l-istess fabbrika li jintlaħaq bi skalinata mill-fabbrika stess, li tibqa' aċċessibbli għalih billi jidħol mill-bieb prinċipali. Darba waħda xi wieħed, li baqa' injot f'dan il-proċess, mar fil-fabbrika u talab li jagħtuh xi għaġin, u żied jgħid "kieku kien hawn it-taljan kien jagħtini l-għaġin". Din il-konversazzjoni segwiet bejn dan l-innominat u mpjegata oħra, Melita Fenech, li evidentement irriferiet l-inċident lill-kwerelat. Fuq dan l-inċident il-kwerelat (u dwar daqshekk din il-Qorti tipprocendi li taċċetta u fil-fatt qegħda taċċetta ix-xhieda tal-kwerelat u martu) addebita lill-kwerelant li hu kien qiegħed jieħu l-għaġin;

Din il-Qorti taħseb li l-kwerelat ma għandux ikun skolpat mill-addebitu lilu magħmul bil-kwerela in bażi għall-prinċipju fuq enunċjat: u dan għaliex jonqos ir-rekwiżit fondamentali li l-addebitu għandu jsir raġjonevol-

ment, u mhux, kif jingħad fil-ġurisprdenza ngliża, "unwarrantably". Ċertament, dak li jaħseb li qiegħed jiġi misruq għandu d-dritt li jinvestiga, imma ma jidherx li s-sempliċi fatt li kienu ġiedem skonoxxut għoġbu jmur fil-fabbrika jitlob li jagħtuh l-għaġin, u jgħid li kieku kien hemm ittaljan kien jagħtieh, huwa suffiċjenti; għaliex, kieku kien hekk, allura l-unur tal-persuna jista' jiġi magħmul jiddependi minn kliem inġustifikati u nkawti ta' terzi. Anzi, il-kwerelat kien imissu jistħarreġ aktar dak l-inċident. U barra minn hekk seta' semma biss, "privatim et sine scandalo", dak l-inċident lill-kwerelant, biex jara r-reazzjoni tiegħu, jew jieħu minn għandu xi spjegazzjoni, u mhux jaqbeż inġustifikatament fil-konklużjoni li l-kwerelant kien responsabbli għad-defiċjenzi fl-għaġin u jinkolpah;

Barra minn dan, din il-Qorti lanqas ma hi soddisfatta li fil-każ preżenti l-kwerelat aġixxa b'dik il-prudenza li tixraq biex tiġi evitata kemm jista' jkun il-publiċità. Ċert hu li l-impjegati kienu jafu b'dan in-nuqqas; kienu jafu li l-kwerelat kien qiegħed jindaga biex jaqbad minn kien responsabbli; Melita Fenech kienet taf, u aktarx li qalet l-impjegati l-oħra bl-inċident ta' dak l-iskonoxxut li semma "it-taljan"; u kien għalhekk imprudenti li l-kwerelat jinkolpa lill-kwerelant fejn Melita Fenech, u aktarx l-oħrajn, setgħu jifhmu (infatti din Fenech qalet "ma naħsibx li kienu qegħdin jitkellmu bi ħbieberija") li l-kwerelat kien qiegħed iwaħħal fil-kwerelant, molto pjù li l-istess kwerelat qal "konna qegħdin nargumentaw b'vuċi għolja". Tant aktar, li l-kwerelat seta' liberament sejjaħ lill-kwerelant fl-uffiċċju jew lok ieħor appartat, u jkellmu privatament. Ma kienx ċertament xi diskors "alla buona", għax mart il-kwerelant fehmet kollox millpjan tal-appartament tagħhom xi tletin tarġa l-fuq;

F'dawn il-kontinġenzi ta' fatt u ta' dritt, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata; u l-appell jiġi respint, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelat. Onorarju tad-difensuri "uti infra";

Tnax (12) il-xelin għal kull seduta.